**10 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Benjamin De Giovanni

*versus*

Dr. Giuseppe Mifsud Speranza ne.

**Wirt — Likwidazzjoni — Spejjeż fil-Fond Ereditarju — Konsorzju — Spejjeż Funerarji — Legat — Taxxa tas-Suċċessjoni — Art. 83 tal-Kap. 70.**

*Trattandosi ta' wirt, il-patrimonju hu wieħed, u fih jidħlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-mewt tad-decujus, iżda anki l-akkwisti li jsiru wara, il-frutti li jinġabru, il-miljoramenti u l-ispejjeż li jsiru mill-konsorti, u*

*dak kollu li jkun jista' jintegra jew inaqqas l-assi ereditarju, kompriżi l-prestazzjonijiet personali tal-ko-eredi bejniethom in relazzjoni mal-wirt. Għalhekk fil-wirt jidħlu wkoll il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardawh, u mhux leċitu li ċespiti wieħed jiġi spigolat mill-assi qabel ma ssir il-likwidazzjoni. Bil-konsegwenza illi, jekk wieħed mill-konsorti ta' fond ereditarju jagħmel xi spejjeż jew benefikati f'dak il-fond, huwa ma jistgħax jaġixxi kontra l-konsorti l-oħra għal sehemhom minn dawk l-ispejjeż qabel ma ssir il-likwidazzjoni tal-wirt. L-azzjoni tiegħu tkun intempestiva.*

*L-istess ħaġa jingħad għal-ispejjeż funerarji li huwa jkun ħallas fl-interess tal-wirt, għax dawn jaggravaw fuq l-eredità; kif ukoll għal kull prestazzjoni oħra personali tal-eredi in konnessjoni mal-wirt.*

*Għal kuntrarju, it-taxxa tas-suċċessjoni li wieħed ikun ħallas fuq legat imħolli mit-testatur favur wieħed mill-eredi hija ripetibbli minn għand dak il-legatarju ndipendentement mil-likwidazzjoni tal-wirt; u dan avvolja d-dispożizzjoni testamentarja tkun ġiet mogħtija forma ta' obligu jew piż lill-eredi; għax b'dik id-dispożizzjoni saret ugwalment trasmissjoni ta' beni li hija sufficjenti biex tirrendiha mpon'bbli bħala legat, u l-legatarju hu obligat iħallas it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta għal-legat lilu mħolli; u t-taxxa ma tistgħax tissejjaħ spiża għall-eżekuzzjoni tal-legat. Kwindi, l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni hekk imħallsa mhix intempestiva jekk tkun għadha ma saretx il-likwidazzjoni tal-wirt.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu nefaq £231. 10. 11d spejjeż fid-dar 23 Burials Street, kantuniera ma' 26/27 Ħalsaflieni Street, Pawla, skond kont dettaljat hawn anness (dok. A), liema dar tappartjeni in kwantu għal ħamsa minn sitt parti (5/6) lill-attur u in kwantu għal waħda minn sitta (1/6) lill-eredità ġjaċenti tal-imsemmija Mary Chircop; liema sest tal-imsemmija spejjeż jammonta għal £28. 11. 10d; u l-istess attur kompla nefaq, fl-interess esklużiv tal-imsemmija eredità ġjaċenti, £67. 17. 6d, jiġifieri spejjeż funerarji tal-

imsemmija Mary Chircop, taxxa tas-suċċessjoni tagħha, rikoveru u manteniment tal-istess Mary Chircop għażżmien li kienet konfinata f'St. Vincent De Paule Hospital, u xi spejjeż żgħar oħra, kif hemm speċifikati fl-imsemmi kont; kollox l-attur ġie nefaq fl-interess tal-imsemmija eredità ġjaċenti ta' Mary Chircop is-somma komplessiva ta' £106. 9. 4d; talab li l-konvenut, fil-premessa kwalità tiegħu, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £106. 9. 4d għal kawżalijiet fuq indikati; bil-lukri legali minn notifika ta' dan l-att sal-pagament effettiv u totali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut fil-premessa kwalità;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut nomine, fost l-eċċezzjonijiet tiegħu, issottometta, fin-nota fol. 7, l-intempestività tal-azzjoni, billi għandha ssir qabel xejn il-likwidazzjoni tal-assi ta' Angelico Chircop, li minnu ġejjin id-drittijiet tal-konvenuta Mary Chircop;

Illi għal dan ir-rigward hemm bżonn jiġu eżaminati separatament id-diversi partiti li jikkomponu l-kreditu tal-attur, kif speċifikati fil-kont tiegħu eżibit a fol. 5-6 tal-proċess;

Illi, in kwantu għall-ewwel partita, dik ċjoè ta' £38. 11. 10d, ekiwivalenti għas-sehem li jmiss lil Mary Chircop mill-ispejjeż tax-xogħolijiet li saru fil-fond deskritt fiċ-ċitazzjoni, ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi dan il-fond, fl-aħħar, kien jappartjeni nofsu lil Angelico Chircop, ir-raġel tal-konvenuta Mary Chircop, u n-nofs l-ieħor lil huh Bernardo Chircop; lanqas jidher li jista' jkun hemm kwistjoni illi Angelico Chircop miet mingħajr testment (ara ċertifikati a fol. 55 u 56), u li għalhekk uniku eredi tiegħu kien huh Bernardo, u li Mary Chircop hija ntitolata għat-terza parti mill-ġid ta' żewġha (art. 865 Kod. Civ.); b'mod li hija ġiet tippossjedi s-sesta parti (1/6) tal-fond "de quo", u l-ħames sesti l-oħra saru ta' Bernardo Chircop, u l-lum tal-attur bħala uniku eredi

tiegħu b'testment publikat minn Nutar Victor Bisazza fit-22 ta' Lulju 1952 (fol. 26), li ma ġiex revokat (fol. 57 tergo);

Illi minn dan jidher illi l-fond in kwistjoni jifforma parti, almenu għal nofsu, mill-wirt ta' Angelico Chircop;

Illi huwa magħruf li, trattandosi ta' wirt, il-patrimonju hu wieħed, u fih jidħlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-mewt tad-decujus, iżda anki l-akkwisti li jsiru wara, il-frutti li jinġabru, il-miljoramenti u l-ispejjeż li jsiru mill-konsorti, u dak kollu li jkun jista' jintegra jew inaqqas l-assi ereditarju, komprizi l-prestazzjonijiet personali tal-ko-eredi bejniethom in relazzjoni mal-wirt. F'dan is-sens hija d-dottrina (v. Pothier, Pandette, Lib. X, Tit. III, nri. XIX u XXI; Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol. VI, pp. 619, 624 u 625; u Digesto Italiano, Successioni (azioni ereditarie), no. 27). Għalhekk, kif hu stabbilit mill-ġurisprudenza tagħna, fil-wirt jidħlu wkoll il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardawh, u mhux leċitu li ċespiti wieħed jiġi spigolat mill-assi qabel ma ssir il-likwidazzjoni (Kollez. XXX-II-203 XXIX-I-1203; XXXVI-I-376). U din ukoll kienet il-fehma tal-leġislatur (art. 949 Kod. Ċiv., analogu għall-art. 990 tal-Kodiċi Ċivili Taljan);

Illi, fid-dawl ta' dan il-prinċipju, jidher ċar illi l-benefikati u l-ispejjeż li talvolta għamel l-attur bħala konsorti fil-fond ereditarju, għandhom jidħlu fil-likwidazzjoni tal-wirt li minnu jifforma parti, jiġifieri tal-wirt ta' Angelico Chircop, li għalieh huma msejħin tant Mary Chircop, armla tiegħu, kemm l-attur bħala uniku eredi ta' Bernardo Chircop; u konsegwentement, għax-xogħolijiet u l-ispejjeż li saru, l-azzjoni hija ntempestiva;

Illi, kwantu għall-partita ta' £15. 5. 0d, għal spejjeż tal-funerali ta' Mary Chircop, il-konvenut fin-nota tiegħu fol. 108 oppona illi dawn l-ispejjeż huma sopportabbli mill-eredi ta' Angelico Chircop; jiġifieri mill-assi ta' ħuħ Bernardo, u l-lum mill-attur, kif jinab dispost fil-Kodiċi De Rohan, li f'dan ir-rigward, skond il-konvenut, ma ġiex revokat mill-art. 1925 tal-Ordinanza VII tal-1868. Anki din

hija kwistjoni li tidħol fil-likwidazzjoni tal-wirt ta' Angelico Chircop; u għalhekk l-azzjoni odjerna hija ntempestiva;

Illi l-istess ħaġa għandha tingħad għaż-żewġ partiti ta' 1s. 6d. il-waħda, "for rent of water meter", fil-kont a fol. 6; dawn jikkostitwixxu prestazzjoni personali tal-attur bħala konsorti fil-fond "de quo", u jidħlu wkoll fil-likwidazzjoni tal-wirt ta' Angelico Chircop;

Illi kwantu għall-partita ta' £51. 9. 6d, imħallsa mill-attur bħala taxxa tas-suċċessjoni, din tirrigwarda l-legat imħalli minn Bernardo Chircop lill-imsemmija Mary Chircop bit-testment fuq imsemmi, jiġifieri l-abitazzjoni gratuwita fil-fond in kwistjoni u l-alimenti sal-ħajja tagħha kollha; u konsegwentement xejn ma għandha x'taqsam din il-partita mal-wirt ta' Angelico Chircop. Ma jiswiex illi d-dispożizzjoni ġiet mogħtija forma ta' "obligu" jew "piż" lill-eredi; għaliex biha saret ugwalment trasmissjoni ta' beni li hija suffiċjenti biex tirrendiha mponibbli bħala legat (Kollez. XXX-I-289); u bħala legatarja, Mary Chircop obbligata tħallas it-taxxa tas-suċċessjoni li jmissha għall-legat lilha mħolli (art. 83 Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta). Hija lanqas ma tista' tinvoka favur tagħha l-benefiċċju tal-art. 770 tal-Kodiċi Ċivili; għaliex it-taxxa ma tistgħax tissejjaħ spiża għall-eżekuzzjoni tal-legat (Kollez. XXX-I-289). Del resto, Mary Chircop kienet aċċettat mal-attur li għandha tħallas din is-somma (fol. 118). Konsegwentement l-azzjoni, f'dan ir-rigward, mhix intempestiva;

Illi lanqas hi barra minn żmienha l-azzjoni kwantu għar-rifużjoni tal-alimenti prestati lil Mary Chircop għaż-żmien li ma kienetx ħajja, jiġifieri għas-somma ta' £1 ndikata fil-kont fol. 6; għaliex dawk l-alimenti ma jirrigwardawx l-assi ta' Angelico Chircop;

Illi minn dak li ntqal ma hemmx għalfejn jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa', fil-limiti fuq miġjuba, l-eċċepita ntempestività tal-azzjoni;

U konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur fis-sens bies li tikkundanna lill-konvenut nomine jħallaslu l-ammont komplessiv ta' £52. 9. 6d, u tilliberah għall-kumplament mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż jitħallsu fil-proporzjon tar-rebħ u t-telf.